**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2024**

**Rikors nru; 193 /2024 AGV**

**FC**

**-vs-**

**SC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ta' FC tal-12 ta' April 2024;

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti iżżewġu nhar it-tnax t'Ottubru tas-sena 2012 (12/10/2002) fil-Kappella tal-Madonna tad-Duluri, il-Floriana fejn sussegwentament iz-zwieġ tagħhom ġie rreġistrat mar-Reġistru Pubbliku, iċ-ċertifikat taż-żwieġ b'reġistrazzjoni numru 1798/2002 anness u mmarkat bħala **Dok FC1**.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewġt itfal u ċioe HC u LC li llum il-ġurnata huma maġġoreni.

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar l-24 t'Ottubru tas-sena 2008 (24/10/2008) kopja tiegħu annessa u mmarkat bħala **Dok FC2.**

4. Illi m' hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi llum il-gurnata huma legalment isseparati u għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi l-partijiet fl-istess kuntratt ta' separazzjoni kienu irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt li jirċievu jew jitolbu manteniment mingħand xulxin u b'hekk m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

6. Illi lanqas m'hemm arretrati ta' manteniment dovut għat-tfal tal-kontendenti u dan stante illi kollha kemm huma jaħdmu fuq bazi *full-time* u li huma maġġorenni.

7. Illi dawn il- fatti kollha fuq imsemmija jissodisfaw il- kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall- ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal- Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta kif emendati bl- Att XXV tal- 2021.

**Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti qiegħed umilment jitlob lil din l- Onorabbli Qorti sabiex**:

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti li ġie ċċelebrat nhar it-tnax t'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (12/10/2002) ġewwa l-Kappella tal-Madonna tad-Duluri, il-Floriana, huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d- divorzju bejniethom.

2. Tordna lir- Reġistratur tal- Qorti sabiex entro t-terminu iffissat mill- istess Qorti jinnotifika lid- Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti li jġib reġistrazzjoni numru 1798/2002.

**U dan taħt dawk il- provvediment li din il- Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.**

**Rat ir- Risposta ta' SC datata 7 ta' Mejju 2024;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi l-esponenti taqbel mal-premessa li l-partijiet ilhom separati minn xulxin legalment ghal bosta snin u dan b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Debono datat nhar l-erba' u ghoxrin (24) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008);

2. Illi l-esponenti taqbel li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li llum ghasndhom hajja totalment separata minn xulxin;

3. Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ghaldaqstant l-esponenti ma topponix t-talbiet tar-rikorrent.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat it- 12 ta' Ottubru 2002**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**